# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Gunju 2002

## Avviz numru : 34/2002GT(GM)

**Giuseppe Bugeja**

**vs**

**Victor Camilleri**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Illi fl-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002) waqt li Maria Antonia Cordina kienet qed issuq vettura tal-marka Nissan Sunny bin-numru ta' registrazzjoni GAJ-047 appena nizlet minn fuq ir-rampa tal-vapur ghax-Xatt, fl-Mgarr, Ghajnsielem, Ghawdex hija kienet involuta f'incident awtomobilistiku ma' truck ERF bin-numru ta' registrazzjoni DBC-958 misjuq mill-konvenut.**

**Illi dan l-incident sehh minhabba negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku fis-sewqan tal-konvenut.**

**Illi d-danni sofferti mill-attur jammontaw ghal erba' mija u sebgha u hamsin lira Maltija (Lm457) rapprezentanti hlas ghal tiswijiet komprizi parts, xoghol u spray.**

**Illi ghalkemm interpellat diversi drabi, l-konvenut naqas li jersaq ghal likwidazjoni u hlas tad-danni kollha sofferti minnu konsegwenza ta' tali incident.**

**Illi l-attur qed jitlob li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut jhallas dan il-bilanc flimkien ma' l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u ta' l-ittri interpellatorji spediti fid-19 ta' Frar 2002 u 7 ta' Marzu 2002 u tal-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz."**

**Ra r-risposta:**

**"Illi fl-ewwel lok l-incident gara unikament tort tal-attur u minhabba negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku fis-sewqan tal-attur, peress illi huwa kiser u dahal fil-vettura misjuqa mill-konvenut. Tant hu hekk, illi l-vettura misjuqa mill-attur dahlet fil-**

**bieba tat-truck misjuq mill-konvenut. Fit-tieni lok, l-attur thaxken mal-vettura tal-attur, b'mod illi l-konvenut kien fl-impossibilita illi jara l-vettura tal-attur, u ghalhekk dan ghamilhielu mpossibbli biex jevitah. Illi jidher li l-attur kien diga qieghed jipprova jaqla' l-vettura tal-konvenut, malli kien niezel mir-rampa – fi stadju meta tali manuvra hija perikoluza u azzardata.**

**Illi minghajr pregudizzu ghas-suespost, l-ammont ta' danni riklamat huwa wiehed esagerat.**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.**

**Bl-ispejjez."**

**Ra l-atti tal-kawza**

**Sema' t-trattazzjoni li saret mill-avukati difensuri**

**Ikkunsidra**

1. **l-iskizz tal-pulizija juri lit-trakk tal-konvenut hiereg dritt minn fuq il-vapur, filwaqt illi l-*car* tal-attur hija angolata. Dan jiskredita ghal kollox id-deposizzjonijiet tal-attur u ta' bintu, li kienet is-sewwieq, fis-sens li tat-trakk *kiser fuqna* (fol 30) *dahal fija trakk…. Mill-genb ghax kiser ghal fuqi* (fol 25). Ma hemm l-ebda dubbju li kienet bint l-attur li biddlet id-direzzjoni, u mhux il-konvenut.**

2. **il-konvenut isostni li z-zewg vetturi hargu flimkien, magemb xulxin, mill-vapur t'Ghawdex, filwaqt illi l-attur isostni li l-*car* tieghu kienet fuq quddiem, u t-trakk gie minn wara u laqatha fuq in-naha tal-lemin. Gie argumentat mid-difensur tal-attur illi d-daqqa fuq il-vettura tal-attur hija konformi ma' din l-asserzjoni, billi gejja mix-xejn fuq il-bieba tas-sewwieq u ssir iktar accentwata fuq ir-rota ta' quddiem. Min-naha l-ohra d-difensur tal-konvenut argumenta illi n-natura tad-daqqa hija konformi ghal manuvra ta' bdil ta' direzzjoni da parti ta' bint l-attur kif qieghed jallega l-konvenut. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, huwa car li d-daqqa nghatat bl-iskorfini tar-rota tat-trakk tal-konvenut, li huwa wiehed gholi. Kieku t-trakk gie minn wara, kif qed jallega l-attur, it-trakk kien ikollu xi forma ta' hsara jew marki fuq in-naha tal-*front left corner* tieghu. Fil-fatt it-trakk ma kellu l-ebda marki fuqu billi huwa mess mal-*car* biss permezz tal-iskorfini tar-rota tal-*front left* tieghu. Din it-tip ta' hsara setghet issehh biss kemm-il darba t-trakk lahaq ghadda lill-*car* bil-parti ta' quddiem tieghu, u l-*car* daret ghal got-trakk**

3. **anke kieku kellu jibqa' xi dubbju jekk it-trakk giex minn wara jew le, xorta l-azzjoni tal-attur ma tistax tirnexxi billi din il-prova tispetta mhux lill-konvenut, imma lill-attur – *iuxta allegata et probata.***

**Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut u jichad it-talba tal-attur, bl-ispejjez kontra tieghu.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**